

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/901**tal-11 ta' Ġunju 2015****li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo ⁽¹⁾ (EULEX KOSOVO)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-4 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK ⁽²⁾.
- (2) Fit-12 ta' Ġunju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/349/PESK ⁽³⁾ li emendat l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK u estendieha sal-14 ta' Ġunju 2016.
- (3) Fid-29 ta' Settembru 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/685/PESK ⁽⁴⁾ li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK, li tipprevedi ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodu mill-15 ta' Ottubru sal-14 ta' Ġunju 2015.
- (4) L-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK għandha tiġi emendata biex tipprevedi ammont ġdid ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex ikopri l-perijodu mill-15 ta' Ġunju 2015 sal-14 ta' Ġunju 2016.
- (5) EULEX KOSOVO ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-ksib tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat.
- (6) L-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-subparagrafu finali tal-Artikolu 16(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK hu sostitwit b'dan li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa tal-EULEX KOSOVO mill-15 ta' Ġunju 2015 sal-14 ta' Ġunju 2016 għandu jkun ta' EUR 77 000 000."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-11 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

A. MATIŠS

⁽¹⁾ Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

⁽²⁾ Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/349/PESK tat-12 ta' Ġunju 2014 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (ĠU L 174, 13.6.2014, p. 42).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/685/PESK tad-29 ta' Settembru 2014 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo EULEX KOSOVO (ĠU L 284, 30.9.2014, p. 51).